MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1423/2000/1

**APS Bank Ltd**

**Vs**

**Dingli & Schiavone Limited, Joseph Bonello, Anthony Dingli u martu Patricia Dingli illum May, Joseph Schiavone u martu Mary Evelyn Schiavone, Anthony Dingli & Sons Co. Ltd.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Joseph Henry Scriha fit-12 ta' Lulju tas-sena 1994 (li kopja legali tieghu qed jigi hawn annessa u mmarkata Dok A), is-socjeta' attrici ikkoncediet lis-socjeta' Dingli & Schiavone Limited

facilita ta' overdraft bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess kuntratt.

Premess illi llum is-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' Dingli & Schiavone Limited fl-ammont ta' dsatax il-elf seba' mija seba' u tmenin lira u sbatax il-centezmu (Lm19,787.17) bilanc ta' debitu tal-facilita' ta' overdraft fuq imsemmija u dana kif jirrizulta mill-annessi statements (markata Dok B u C) u dana oltre l-imghaxijiet ulterjuri b'effett mit-28 ta' Gunju, 2000 sad-data tal-hlas effettiv.

Premess illi in forza tal-precitat att notarili l-konvenuti l-ohra u cioe' Joseph Bonello, Anthony Dingli u Patricia Dingli May, Joseph u Mary Evelyn konjugi Schiavone u Anthony Dingli & Sons Co Ltd, biex jiggarantixxu ahjar l-obbigazzjonijiet kollha assunti mis-socjeta' Dingli & Schiavone Limited skond l-imsemmi kuntratt, kienu kkostitwew ruhhom garanti solidali bejniethom u mas-socjeta' Dingli & Schiavone Limited a favur tas-socjeta' attrici u dana oltre l-garanzija solidali moghtija fuq il-Guarantee Form G1 (kopja annessa u mmarkata Dok D).

Premess illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti,"in solidum" bejniethom, huma debituri tas-socjeta' attrici tal-imsemmija somma ta' dsatax il-elf seba' mija u seba' u tmenin lira u sbatax il-centezmu (Lm19,787.17) rapprezentanti bilanc ta' debitu tal-precitata facilita ta' overdraft moghtija skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Scriha tat-12 ta' Lulju, 1994 (dok A) ; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti, "in solidum" bejniethom, ihallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' dsatax il-elf seba' mija u seba' u tmenin lira u sbatax il-centezmu (lm19,787.17);

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti "in solidum", inkluzi dawk tal-Mandati ta' Sekwestru u qbid prezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni, u bl-imghax ulterjuri b'effett mit-28 ta' Gunju 2000 sad-data tal-hlas effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Joseph Schiavone u martu Mary Evelyn Schiavone** a fol. 214 tal-process fejn eccepixxu:

1. Illi fl-ewwel lok l-ammont mitlub ma huwiex dovut minnhom izda mis-socjetajiet kummercjali li hadu u nefqu il-flus in kwistjoni.

2. Illi fit-tieni lok ghalhekk ghandhom l-ewwel jigu likwidati u jinbieghu l-assi ta' dawn is-socjetajiet kummercjali.

3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Il-konvenuti l-ohra baqghu kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' ridizzjoni tas-sorte a fol. 54;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet tghat overdraft ta' Lm15,000 lis-socjeta' konvenuta Dingli & Schiavone fit-12 ta' Lulju, 1994 li giet garantita mill-konvenuti l-ohra in solidum. Illum il-konvenuti ghandhom jaghtu s-somma mitluba fic-citazzjoni hlief ghall Lm1,500 li thallsu fil-mori tal-kawza minn Joseph Schiavone fit-28 ta' Gunju, 2000, liema somma giet ridotta mill-atturi skond nota a fol. 54.

Kwantu ghall-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Schiavone u martu Mary Evelyn a fol. 24 ghandu jinghad li skond il-Kodici Civili l-garanti hu obbligat biss ihallas meta jonqos id-debitur principali, illi qabel xejn ghandu jigi eskuss fuq il-beni tieghu. (Art 1934) izda l-beneficcju ta' l-eskussjoni ma jghoddx (b) jekk il-garanti jkun obbliga ruhu *in solidum* mad-debitur, kif inhu dan il-kaz. Ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet ma jistghux jigu milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tiddikjara illi l-konvenuti, "in solidum" bejniethom, huma debituri tas-socjeta' attrici ta' l-imsemmija somma ta' tmintax il-elf mitejn u seba' u tmenin lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm18,287.17) rapprezentanti bilanc ta' debitu tal-precitata facilita' ta' overdraft moghtija skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Scriha tat-12 ta' Lulju, 1994 (dok A) ; u
u tikkundanna lill-konvenuti, "in solidum" bejniethom, ihallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti "in solidum", u bl-imghax ulterjuri b'effett mit-28 ta' Gunju, 2000 sad-data tal-hlas effettiv.

--------------------------------TMIEM--------------------------------